# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017**

**Kawża Nru: 6**

**Ċitazzjoni Nru: 921 / 02 JA**

**Gordon Mizzi, Corinne Apap Bologna, u Spearhead Investments Limited**

**-vs-**

**Dr John C. Grech, Chevalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi, Mizzi Holdings Limited, Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited, The General Softdrinks Company Limited, Demoncada Limited, Demoncada Holdings Limited, Devilhena Limited, u Daragon Limited**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-atturi fid-9 ta' Awissu 2002 li permezz tagħha ġie premess:

Illi l-attur Gordon Mizzi għandu għoxrin fil-mija tal-ishma tas-soċjeta' Demoncada Limited filwaqt li s-soċjeta' attriċi Spearhead Investments Limited għandha għoxrin fil-mija tal-ishma tas-soċjeta' Demoncada Holdings Limited;

Illi l-attriċi Corinne Apap Bologna għandha għoxrin fil-mija tal-ishma tas-soċjeta' Demoncada Limited kif ukoll tas-soċjeta' Demoncada Holdings Limited;

Illi s-soċjeta' Demoncada Limited għandha terz mill-ishma tas-soċjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited filwaqt li s-soċjeta' Demoncada Holdings Limited għandha terz mill-ishma tas-soċjeta' The General Soft Drinks Company Limited;

Illi l-ishma l-oħra fis-soċjetajiet Kastell Limited u The General Soft Drinks Company Limited jappartjenu lil Daragon Limited u Devilhena Limited in kwantu għal terz mill-ishma kull wieħed filwaqt li l-ishma l-oħra fis-soċjetajiet Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited jappartjenu lill-konvenut Maurice Mizzi u Daragon Limited in kwantu għal terz mill-ishma kull wieħed;

Illi l-istess Daragon Limited u Devilhena Limited jappartjenu lill-diversi azzjonisti uħud konvenuti f'din il-kawża;

Illi 'l fuq imsemmija soċjetajiet flimkien jiffurmaw u jaġixxu bħala grupp u l-kontijiet tagħhom huma sew separati kemm konsolidati, billi jitmexxew u jinnegozjaw bħala grupp taħt in-nom ta' Mizzi Organisation;

Illi l-konvenut Dr John C. Grech huwa ċ-Chairman ta' dan il-grupp ta' kumpaniji li jinnegozjaw taħt in-nom Mizzi Organisation, waqt li Chavalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi u l-attur Gordon Mizzi huma kollha diretturi fuq id-diversi soċjetajiet ta' dan il-grupp, u flimkien tal-fuq imsemmi Dr John C. Grech bħala Chairman jiffurmaw l-Borg tad-diretturi u bord diriġenti ta' dan il-grupp ta' kumpaniji;

U illi l-istess grupp ta' kumpaniji għandu *management* u direzzjoni waħda formata mill-bord fuq imsemmi, u d-deċiżjonijiet għall-amministrazzjoni u ġestjoni tal-grupp jittieħdu unitarjament fis-sede ta' dan il-Bord, liema persuni jifformaw ukoll l-bord tad-diretturi ta' Kastell Limited, Mizzi Holdings Limited, Consolidated Holdings Limited u The General Soft Drinks Company Limited;

U illi n-negozju tal-istess soċjetajiet u diversi soċjetajiet oħra appartenenti lill-istess grupp ta' soċjetajiet qegħdin jiġu ġestiti b'mod li jarreka preġudizzju evidenti u serju lill-atturi u dan billi, fost affarijiet oħra, tali negozju qed jitmexxa b'mod irresponsabbli mid-Diretturi konvenuti, fejn anki jirriżulta kunflitt ta' interess fit-tmexxija tagħhom kif ser jiġi ppruvat aħjar tul is-smigħ tal-kawża;

U illi l-atturi qegħdin jiġu sistematikament u volutament esklużi u emarġinati minn kull deċiżjoni li tirrigwarda n-negozju tal-istess grupp kif ukoll minn parteċipazzjoni attiva fit-tmexxija tan-negozju tal-istess grupp, anki billi m'humiex qegħdin jingħataw ċertu informazzjoni minnhom rikjesta u li tispetta lilhom u saħansitra saru dikjarazzjonijiet foloz;

U illi l-operazzjonijiet tal-istess grupp qegħdin jiġu strutturati b'tali mod u tfasslu pjanijiet u skemi ta' rimunerazzjoni lill-grupp diriġenti ta' dan il-grupp ta' soċjetajiet, liema skemi tfasslu mill-istess persuni li rċevew l-benefiċċju tagħha, b'mod li l-parti

sostanzjali tal-persuni li rċevew l-benefiċċju tagħha, b'mod li l-parti sostanzjali tal-qliegħ intier tal-istess grupp qiegħed jittieħed mid-diretturi u Chairman hawn konvenuti u mill-*management* tal-istess grupp b'evidenti diskapitu tal-istess konvenuti bħala azzjonisti f'dan il-grupp, kif ukoll azzjonisti minoritarji oħra li ma humiex qegħdin jirċievu rimunerazzjoni adegwata u xierqa għall-kapital investit fin-negozju tal-istess grupp u li jirrifletti l-livell ta' negozju li qiegħed jagħmel l-istess grupp;

U illi l-*management* tal-istess grupp ta' soċjetajiet qiegħed jirċievi rimunerazzjoni eċċessiva partikolarment meta wieħed iżomm in konsiderazzjoni l-qliegħ miżeru li qegħdin jirċievu l-azzjonisti;

U illi l-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni tal-istess grupp ta' soċjetajiet qiegħed progressivament jaggrava l-pożizzjoni tal-istess konvenuti billi qiegħed jikkonċentra l-poter deċiżjonali effettiv u l-qliegħ li jsir mill-grupp dejjem f'idejn ċirku ristrett ta' persuni hawn konvenuti;

U illi fuq diversi snin l-atturi ġew assoġġettati għal sistema ta' oppressjoni ta' natura kontinwa u persistenti, li hija oneruża, kiefra, u ħażina, u din intiża sistematikatament biex jeliminawhom sija mill-parteċipazzjoni fin-negozju tal-grupp sija fil-qliegħ rikavat mill-istess grupp, u dan b'diskriminazzjoni anke evidenti ma soċji oħra fi ħdan l-istess grupp;

U illi l-ġestjoni tan-negozju tal-istess grupp hija intrisa minn irregolaritajiet u metodi oppressivi u żbaljati fosthom nuqqas ta' trasparenza fil-ġestjoni tal-assi tal-grupp; u billi kien hemm anke okkażjonijiet fejn diversi mankanzi fil-ġestjoni tal-grupp ġew rrappurtati u ndikati lill-istess diretturi tal-grupp f'rapporti lilhom magħmula iżda inutilment għaliex baqa' ma sar xejn biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni;

U illi *nonostante* d-diversi lmenti ġusti tal-atturi baqa' ma sar sostanzalment xejn biex is-sitwazzjoni tiġi rranġata u l-pożizzjoni tal-azzjonisti miljorata;

U illi l-ġestjoni tal-grupp qiegħeda tidħol fi proġetti ntiżi biex ikabbru r-rimunerazzjoni perċepita mill-grupp diriġenti, mingħajr benefiċċju reali jew dejjem lill-grupp, anzi f'diversi okkażjonijiet bir-riżultat ta' telf enormi għad-dannu tal-istess azzjonisti;

U illi l-atturi għandhom dritt ma jiġux iżjed assoġġettati għall-dina l-oppressjoni sistematika u kontinwa;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex ma għandhiex dina l-Qorti tiddikjara li l-atturi qegħdin jiġu sistematikament oppressi; mwarrba, diskriminati u żvantaġġati fil-ġestjoni tal-grupp ta' soċjetajiet formanti l-grupp Mizzi Organization, ta' liema grupp huma, flimkien ma' oħrajn, huma azzjonisti aħħarin;

Salv kull dritt spettanti lill-atturi għar-rimedji opportuni li jiġu mitluba f'ġudizzju separat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-18 ta' Novembru 2002 li permezz tagħha eċċepew:

Preliminarjament l-istanza hi rrita u dana peress illi ma ġietx segwita l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta illi tesiġi illi tali istanza għandha ssir permezz ta' rikors u għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

1. Preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għal fuq espost ma jeżistux ir-rekwiżiti rikjesti f'materja Soċjetarja illi jagħtu lill-atturi dritt ta' azzjoni kontra l-eċċipjenti u għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Fil-mertu l-allegazzjonijiet kollha dwar oppressjoni, trattament diskriminatorju u allegazzjonljiet oħra huma għal kollox infondati peress illi għalkemm l-atturi huma azzjonisti minoritarji fis-soċjetajiet eċċipjenti huma dejjem ġew trattati b'mod ġust u xieraq bħall-azzjonisti l-oħra kif hu ben saput mill-attur Gordon Mizzi li sa ftit żmien ilu kien jesplika il-mansjonijiet tiegħu ta' direttur taż-żewġ soċjetajiet. Per konsegwenza d-domanda attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż.

Salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tal-kawża fosthom l-*affidavits* u depożizzjonijiet;

Rat illi l-kawża odjerna originarjament infetħet kontra diversi persuni bħala konvenuti iżda wara sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar 2005 li ġiet riformata fl-appell permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2008, huma l-kumpaniji Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited li għadhom konvenuti f'din il-kawża ;

Rat illi din il-kawża qegħda tinstema' kontestwalment ma' kawża oħra fl-ismijiet **"Corinne Apap Bologna *et* vs Demoncada Limited *et*"** bin-numru 1327/02JA u permezz tal-verbal ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2011, il-partijiet qablu li *"l-provi f'din il-*

*kawża jikkostitwixxu prova wkoll fil-kawża 1327/2002JA u vice versa.”*

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Lulju 2016 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta’ Novembru 2016, fejn minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti kellha titħalla għall-11 ta’ Jannar 2017.

**FATTI FIL-QOSOR**

Illi din hija kawża bbażata fuq l-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta). Fis-suċċint, l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara illi huma qegħdin jiġu sistematikament oppressi, imwarrba, diskriminati u żvantaġġjati fil-ġestjoni tal-grupp ta’ soċjetajiet formanti l-grupp Mizzi Organisataion, ta’ liema grupp huma, flimkien ma’ oħrajn, huma azzjonisti aħħarin. Da parti tagħhom is-soċjetajiet konvenuti jikkontendu illi din il-kawża hija biss mezz sabiex jivvessaw lil Mizzi Organisation li l-atturi jixtiequ jikkontrollaw bla dritt.

***CORPORATE GROUP STRUCTURE***

Illi l-istruttura tal-grupp ta’ kumpaniji mertu tal-kawża odjerna, nħolqot mit-tfal tal-fondatur, Spiridione Mizzi, u ċjoe’ l-aħwa John Mizzi (Daragon Limited); Joseph Mizzi (Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited) u Maurice Mizzi (Devilhena Limited) – kollettivament magħrufa bħala Mizzi Organisation – bl-iskop illi kull wieħed, *tramite* l-kumpanija tiegħu, jkollu sehem ta’ terz minn kull kumpanija formanti parti mill-grupp.

Illi jidher li, għalkemm l-Istatut tas-Soċjetajiet li jiffurmaw parti mill-Mizzi Organisation (u ċjoe’ Demoncada Limited, Devilhena Limited u Daragon Limited) ma għandhomx Artikolu speċifiku illi jipprovdi li l-azzjonisti tagħhom għandhom id-dritt illi jinnominaw diretturi fuq il-Bord tad-Diretturi ta’ kull waħda minnhom, hija l-

prattika illi jiġu nominati żewġ diretturi minn kull waħda mit-tlett kumpaniji surreferiti.

Illi l-attur qegħdin jilmentaw mill-ġestjoni tas-soċjetajiet konvenuti, li jifformaw parti mill-grupp Mizzi Organisation, ta' liema grupp flimkien ma' oħrajn huma l-azzjonisti aħħarin.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

BAŻI TAL-AZZJONI ODJERNA

Illi l-atturi jagħmlu referenza għal ktieb tal-Professur Andrew Muscat, **Principles of Maltese Company Law** b'mod partikolari meta jislet żewġ xenarji li joħorġu mill-artikolu 402(1) meta tista' tingħata dikjarazzjoni ta' preġudizzju nġust kontra azzjonist. Huma bbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-ewwel xenarju miġjub mill-Prof Muscat, u ċjoe':

*"(i) the affairs of the company have been or are being or are likely to be conducted in a manner that is or is likely to be, oppressive, unfairly discriminatory against, or unfairly prejudicial, to a member or members or in a manner that is contrary to the interests of the members as a whole."*

Illi f'dan is-sens l-atturi jikkontendu illi (fol 357):

*"... iżda qed isofru preġudizzju serju mill-mod ġenerali kif qed jitmexxew l-affarijiet ta' Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited b'mod partikolari l-kontroll li huma għandhom jeżerċitaw fuq l-affarijiet tal-grupp, tramite r-rappreżentanti tagħhom."*

Illi sabiex tkun tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha, l-atturi jissottomettu, illi l-Qorti għandha teżamina (fol 358):

*"a) sia l-aġir tal-azzjonisti maġġjoritarji (li llum huma lkoll diretturi) f'dik li hi l-amministrazzjoni) u l-immaniġġjar tas-soċjetajiet konvenuti;*

*b) kif ukoll it-tmexxija ġenerali tal-affarijiet tas-soċjetajiet konvenuti li jinkludi l-kontroll li huma għandhom fuq il-kumpaniji sussidjarji tagħhom u konsegwentement fuq dak li qed jiġri fil-ġestjoni tal-grupp Mizzi Organisation."*

Illi l-atturi jirrilevaw illi aspett prinċipali tal-azzjoni odjerna huwa dak ta' *"unfair prejudice"* li fi kliem il-Prof Muscat, *"the test is of unfair prejudice, not of unlawfulness. Conduct may be lawful, but still unfairly prejudicial and therefore actionable."* Jagħmlu referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Philomena Ellul vs Charles Ellul *pro et noe*"** (31 ta' Jannar 2003), fejn ġie rilevat illi, *"Iżda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni [artikolu 402] – ispirata fuq prinċipju ta' ekwita' aktar milli minn drittijiet strettament legali … jmorru oltre mill-kelma tal-istitut tas-soċjeta' jew addirettura tal-liġi stess."*

Illi s-soċjetajiet konvenuti ma jaqblux mal-pożizzjoni meħuda mill-atturi u jirribattu billi jissottomettu dwar 'l hekk msejħa *"just and equitable ground"* (fol 380):

*"L-atturi jistrieħu fuq il-'just and equitable ground' biex jargumentaw li l-Qorti m'għandha tapplika l-ebda liġi imma tapplika biss 'equitable considerations' bħalli kieku dan waħda jfisser li Qorti għandha taċċetta kull azzjoni bħal tal-atturi b'għajnejha magħluqin mingħajr ma tħares lejn l-ebda liġi jew fatti."*

Illi b'mod partikolari s-soċjetajiet konvenuti jilmentaw illi [fol 427]:

*"L-azzjoni li jippretendu li għandhom l-atturi hija dik spettanti lil azzjonisti minoritarji biex jiksbu rimedju meta l-kumpanija tagħmel jew tkun ser tagħmel azzjoni jew ommissjoni oppressiva, inġustamment diskriminatorja jew ta' preġudizzju kontra l-azzjonisti. Iżda dan xi jfisser ezattament? Ifisser li tista' toqtol kumpanija malli xi azzjonist jidhirlu li m'għaddietx tiegħu. Ifisser li kumpanija għandha tmexxi negozju taħt it-theddid ta' xi azzjonist jew Direttur li minn ħin għall-ieħor jhedded b'kawża jekk ma jsirx dak li jgħid hu, jekk ma jkunx kuntent hu, jekk ma jikkontrollax dejjem hu minkejja li jkollu biss interess ta' azzjoni waħda minn ħmistax?! Ċertament li l-leġislatur ma riedx hekk meta offra dan ir-rimedju lil azzjonisti minoritaji."*

Illi in vista tas-suespost is-soċjetajiet konvenuti jisħqu illi [fol 422-423],

*"L-esponenti tħallew biss bħala konvenuti għaliex l-atturi huma azzjonisti tal-esponenti. Iżda b'applikazzjoni tal-loġika legali u ġuridika l-azzjoni attriċi waqgħet għal kollox malli ħarġet mill-kawża Mizzi Organisation bil-kumpaniji kollha tagħha u l-Bord tal-istess ...*

*Minkejja li l-azzjoni odjerna hija unikament indirizzata kontra Mizzi Organisation, u l-lanjanzi mressqa tista' tirrispondi għaliho unikament Mizzi Organisation, li issa m'għadhiex parti fil-kawża, l-atturi xorta baqgħu għaddejjin bil-pretensjonijiet tagħhom bit-tama li fil-konfuzjoni ta' provi u sottomissjonijiet li ressqu jieħdu xi sodisfazzjon. Dan huwa ampjament ċar mill-provi li tressqu fl-andament tal-kawża li huma kollha mmirati lejn in-negozju ta' Mizzi Organisation, għal liema l-esponenti ma għandhomx u ma jistgħux jirrispondu."*

Illi għaldaqstant is-soċjetajiet konvenuti jisħqu fuq l-inammissibilita' ta' provi mmirati lejn Mizzi Organisation.

*LEGITIMATE EXPECTATION*
Illi l-atturi jispjegaw kif ġej (fol 367):

*"Minn dak kollu hawn fuq spjegat titwieled il-pretensjoni tal-atturi li għalkemm l-ishma tagħhom huma dawk minnhom miżmuma fil-kumpaniji Demoncada, l-investimenti tagħhom għandhom firxa ferm aktar wiesgħa għaliex permezz tal-istruttura hawn fuq deskritta, l-investiment u l-interess tagħhom jinferex fuq kull kumpanija formanti parti mill-grupp. Il-qliegħ ġenerat mill-kumpaniji Demoncada huwa derivat unikament mill-investiment minnhom miżmum permezz ta' ishma, kemm direttament kif ukoll indirettament, fil-kumpaniji kollha tal-grupp. Għaldaqstant il-performance finanzjarju tal-grupp kollu finalment jaffettwa l-qliegħ li jagħmlu s-soċjetajiet konvenuti u d-dividendi li jitqassmu lill-azzjonisti ta' dawn is-soċjetajiet."*

Illi huma jkomplu billi jissottomettu illi (fol 367):

*"L-atturi bir-rispett jissottomettu li hija għalhekk aspettativa leġittima tagħhom li jkollhom qliegħ ġust u ekwu minn negozju tal-grupp li jirrifletti l-valur fis-suq tas-sehem tagħhom fil-grupp. Sussidjarju għal dan l-argument jitwieled ukoll l-argument l-ieħor tal-atturi illi huwa bbażat fuq it-tieni aspett ta' dik li kienet l-intenzjoni tal-membri fundaturi tal-grupp, u ċjoe' dik ili jkun hemm distribuzzjoni ekwa tad-diversi funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan il-grupp bejn l-azzjonisti membri tat-tlett kumpaniji u li għalhekk huma jkollhom sehem fl-amministrazzjoni eżekuttiva tal-grupp. F'każ illi, bħalma ġara, l-atturi jiġu esklużi kompletament mit-tmexxija tan-negozju tal-grupp huma jkunu ġustifikati li jippretendu li l-persuni li qegħdin jirrappreżentaw l-interess tagħhom jaġixxu in salvagwardja ta' dawn l-interessi billi jaraw li l-grupp qed jitmexxa b'mod ġust u li azzjonisti minoritarji jingħataw l-informazzjoni*

*meħtieġa biex ikunu jistgħu jistabbilixxu jekk effettivamnt huwiex isir kontroll ġust fuq it-tmexxija tal-grupp."*

Illi l-attur, Gordon Mizzi, jispjega illi sakemm kien direttur ta' Demoncada Limited u għalhekk kellu l-fakulta' li jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord tad-diretturi tal-grupp, huwa ġja' kien isib diffikulta' kunsiderevoli sabiex jikkumbatti l-irregolaritajiet li jeżistu fi ħdan il-grupp speċjalment peress illi ma kienx isib l-appogg tad-direttur l-ieħor rappreżentant ta' Demoncada, ċjoe' Kenneth Mizzi. L-istess attur jallega li peress li huwa kien *"preżenza skomda għall-membri oħrajn"* (fol 416) appena kif huwa beda l-proċeduri l-Qorti, l-membri oħrajn tal-Bord ħadu l-opportunita' u wżaw dan il-fatt biex ħelsu minnu. L-attur isostni li minfloku daħlu ħutu, Veronique Mizzi u Angele Calleja, li huwa jallega mhumiex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' diretturi bil-kura u diliġenza li titlob il-liġi. Mill-banda l-oħra l-atturi jikkontendu illi d-direttur l-ieħor, Kenneth Mizzi għandu kunflitt serju ta' interess billi huwa jiddedika aktar hin għan-negozju personali tiegħu milli dak tal-grupp u b'hekk m'għandux ħin biżżejjed sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu stess; u fuq kollox jibbenefika personalment minn assi appartenenti lill-kumpaniji tal-grupp u minn qliegħ derivat minn benefiċċji u inċentivi u għaldaqstant mhuwiex f'pożizzjoni li jikkritika l-irregolaritajiet tal-grupp għaliex huwa stess wieħed minn dawk li jikkommetti tali irregolaritajiet. Jirrilevaw ukoll illi l-attriċi, Corinne Apap Bologna hija l-unika waħda mill-aħwa azzjonisti tal-kumpaniji konvenuti li qatt ma ġiet nominata sabiex tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-kumpanija Demoncada u għaldaqstant tissottometti li qed tiġi diskriminata nġustament.

*QUASI-PARTNERSHIP ANALOGY*

Illi l-atturi jerġgħu jagħmlu referenza ampja għall-ktieb tal-Prof Muscat meta huwa jispjega il-*"quasi-partnership analogy"* li ġie trattat u żviluppat fid-deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi **"Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd"** ([1973] A.C. 360) u tal-Qorti tal-

Appell ta' Malta fl-ismijiet **"Ellul vs Ellul *pro et noe*"** (31 ta' Jannar 2003) sabiex jiġġustifikaw il-lanjanza tagħhom dwar l-esklużjoni tagħhom mid-deċiżjonijiet li jirrigwardjaw in-negozju tal-grupp u mill-parteċipazzjoni attiva fit-tmexxija tan-negozju tal-istess grupp [fol 382 *et seq.*].

Illi s-soċjetajiet konvenuti għal darb' oħra ma jaqblux ma' dan ir-raġunament imressaq mill-atturi [fol 478]:

*"Iżda Mizzi Organisation hija 'l bogħod ferm minn quasi partnership. Forsi n-negozju ta' Spiridione Mizzi seta' għadda lit-tlett uliedu John, Joseph u Maurice Mizzi fil-bidu bħala quasi partnership ... Iżda bl-istruttura li mbagħad għaddew biex ħolqu t-tlett aħwa Mizzi u li tezisti llum saret il-qabża darba għal dejjem minn quasi partnership jew negozju żgħir bejn l-aħwa għal kumpanija – organiżżazzjoni – kbira li għaliha ma japplikawx prinċipji ta' quasi partnership…*

*Għalhekk il-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-protezzjoni fuq naħa waħda ta' azzjonisti (u l-aspettativi tagħhom) f'kumpaniji żgħar li aktar jixbħu quasi partnership u fuq in-naħa l-oħra azzjonisti ta' kumpaniji kbar bħal Mizzi Organisation."*

Illi s-soċjetajiet konvenuti jagħmlu l-punt validu illi l-idea ta' *quasi partnership* spiċċa malli l-aħwa għamlu mod li l-ishma jinżammu minn *holding companies* u mhux individwalment mit-tfal u neputijiet (fol 429):

*"L-istruttura Demoncada, Devilhena u Daragon huwa l-oppost ta' quasi partnership. Dak li t-tlett aħwa Mizzi għaddew lil uliedhom f'kull waħda minn dawn it-tlett holding companies huwa biss investiment; ried jgħaddu d-dritt lil uliedhom iżommu ishma u jirċievu d-dividends minn dak in-negozju. Kieku riedu jħallu lil uliedhom, kif qed jippretendu l-atturi, id-dritt li kull wieħed jaħdem*

*fin-negozju per eżempju kienu jħallu kollox kif kien bl-interessi ta' kull kuġin personali u dirett fil-kumpaniji ta' Mizzi Organisation jew kienu jiktbu din l-intenzjoni speċifikament fl-Articles of Association ta' kull waħda mill-kumpaniji ta' Mizzi Organisation jew f'xi kitba oħra. Iżda dan mhux il-każ."*

RAPPREŻENTANZA

Illi l-attur, Gordon Mizzi jissottometti illi huwa għandu d-dritt li jokkupa l-kariga ta' direttur u kien qed jirrikorri preġudizzju nġust mit-tneħħija tiegħu. F'dan ir-rigward is-soċjetajiet konvenuti jirribattu billi jissottomettu illi (fol 432):

*"L-attur Gordon Mizzi jipprova jargumenta favur il-pretensjoni lleġittima tiegħu li għandu jkun hu direttur bil-benefiċċji kollha għaliex hu għandu klassi ta' ishma aqwa minn ta' ħutu l-bniet u jammetti hu stess fis-sottomissjonijiet tiegħu li allura hu għandu jkollu dejjem pożizzjoni vantaġġjuża fuq ħutu! Filwaqt li ġab din il-kawża jallega ħafna vantaġġi ta' ħaddieħor li skont hu m'għandux ikun għax kulħadd għandu jkun l-istess, huwa jammetti dak li verament irid, u ċjoe' li jkun hu dak vantaġġat. Fil-fatt sakemm l-attur dam jokkupa l-karigi li ried u jipperċepixxi salarji li ħutu l-bniet ma kellhomx għal xi tletin sena hu ma ressaq l-ebda kawża minkejja li skond ma jallega hu kienu għaddejjin ħafna nġustizzji f'Mizzi Organisation!"*

Illi l-attriċi, Corinne Apap Bologna tissottometti illi hija kienet l-unika mill-aħwa li qatt ma ngħatat xi kariga mal-kumpanija u dan ma kienx ġust. F'dan ir-rigward is-soċjetajiet konvenuti jirribattu [fol 426]:

*"il-lanjanza tal-attriċi Corinne Apap Bologn hija biss li qatt ma kellha xogħol ma' Mizzi Organisation [Ta' min jinnota pero' li meta bħal ħutha l-bniet l-oħra ngħatat l-opportunita' li taħdem għal remunerazzjoni hija rrifjutat dan u sejħitlu 'handout' filwaqt li*

*preferit tiftaħ kawża biex tkisser lil Mizzi Organisation milli tippartecipa fih. Dan meta hi ma ġiet offruta l-ebda 'handout', l-ebda rigal, imma rwol fuq Kumitat għal liema kienet ser titħallas. Dan ikompli juri li l-anqas l-attriċi Corinne Apap Bologna ma taf eżatt x'sofriet u xi trid ħlief li trid tkisser l-Organiżżazzjoni, filwaqt li tgħid hi stess li dejjem irċeviet id-dividends tagħha skont sehma. Għalhekk fid-dawl ta' dan l-esponenti mhux se jidħlu fl-akkużi tagħha kontra Mizzi Organisation u jissottomettu li Corinne Apap Bologna m'għandha l-ebda raġuni valida fil-fatt jew fid-dritt biex tintlaqa' t-talba tagħha kontra l-esponenti."*

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi din hija kawża bejn azzjonisti u kumpaniji formanti parti minn grupp ta' kumpaniji li minn kumpanija bejn membri tal-istess familja Mizzi kibret qatiegħ u żviluppat f'organiżżazzjoni kumplessa li tħaddem ħafna nies. Waħda mil-lanjanzi ewlenin tal-atturi huwa n-nuqqas ta' rappreżentanza xierqa fuq il-Bord tad-Diretturi. Jidher illi ċ-ċirkostanza li tat lok għal kawża odjerna kienet it-tneħħija tal-attur, Gordon Mizzi minn direttur. Da parti tagħhom is-soċjetajiet konvenuti jagħmlu referenza għall-artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti s-setgħa lill-azzjonisti ta' kumpanija li jneħħu lid-direttur. Huma jisħqu illi dan huwa dritt sacrosant tal-azzjonisti u mhuwiex minnu li t-tneħħija tal-attur, Gordon Mizzi jammonta għal preġudizzju nġust iżda huwa każ fejn l-azzjonistu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi. Jidher ukoll li hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-fatt illi kien hemm il-prattika illi jkun hemm rappreżentant ta' kull familja fuq il-Bord iżda ma jirriżultax li hemm klawsola jew artikolu speċifiku f'dan is-sens fl-Istatut tal-kumpaniji konvenuti u lanqas ma hemm *Shareholders Agreement* li jistipula din il-kundizzjoni. Gordon Mizzi, jkompli billi jisħaq illi huwa jgawdi minn *"B" shares* li skont kif jispjega fl-*affidavit* tiegħu stess:

*"The rationale for the B shares given one extra vote was to ensure long term executive employment in the family business."*

Illi marbut ma' dan huwa l-fatt li jsemmi Gordon Mizzi illi din kienet ix-xewqa ta' missieru sabiex jirritorna Malta. Dawn iż-żewġ fatti magħqudin flimkien l-attur, Gordon Mizzi jissottomettu joħolqu aspettativa leġittima li huwa jipparteċipa fir-rappreżentanza ta' dawn il-kumpanija. Da parti tagħha l-attriċi, Corinne Apap Bologna tilmenta illi b'differenza għall-aħwa l-oħra hija qatt ma ngħatat kariga mal-kumpanija konvenuta iżda jidher illi fil-fatt hi ġiet offruta li tiġi nominata fuq Kumitat tal-kumpanija iżda hija rrifjutat għax qiesitu *"handout."*

Illi l-kontendenti jagħmlu referenza ampja għall-kitbiet tal-Prof Muscat u awturi Ingliżi fuq din l-azzjoni magħrufa bħala *"Minority Action."* Din il-Qorti tinnota illi l-atturi jiċċitaw t-tagħlim li ħareġ mid-deċiżjoni **"Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd"** msemmija aktar 'il fuq, partikolarment dwar il-*"quasi partnership analogy."* L-atturi donnhom iridu jestendu l-applikazzjoni ta' din il-*"quasi partnership analogy"* għall-każ odjern iżda din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Kif ben jissottomettu s-soċjetajiet konvenuti l-*"quasi partnership analogy"* setgħet possibbilment ġiet applikata għall-oriġini tal-kumpanija, u ċjoe' meta Spiridione Mizzi għadda l-*business* tal-kumpanija lit-tlett ulied tiegħu. Iżda fil-preżent anke jekk wieħed jiffoka biss fuq is-soċjetajiet konvenuti, dawn huma *"holding companies"* – u mhux xi struttura informali bejn il-familja (bħal dik kontemplata fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata) – li jiffurmaw parti minn struttura korporattiva kumpless lil hinn ħafna minn *quasi partnership.* Għaldaqstant din il-Qorti thoss li l-każ ta' **"Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd"** ma japplikax għall-każ odjern. L-atturi wkoll jagħmlu referenza għall-ekwita' iżda għal darb' oħra din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mis-soċjetajiet konvenuti illi

m'għandhiex tiġi applikata mingħajr ma l-Qorti tevalwa l-punti ta' liġi u ta' fatt.

Illi l-atturi jisħqu wkoll illi din il-Qorti għandha tikkunsidra l-provi miġjuba minnhom dwar l-andament tal-kumpaniji l-oħra ta' Mizzi Organisation, u dana għaliex is-soċjetajiet konvenuti jifformaw parti minn dan il-grupp. Jiċċitaw bran mill-ktieb tal-Prof Muscat (fol 358) li jagħti bħala eżempju *"a company's control of the affairs of its subsidiary"* – iżda fil-każ in deżamina l-kumpaniji l-oħra parti minn Mizzi Organisation żgur mhumiex sussidjarji tas-soċjetajiet konvenuti u għaldaqstant ma huwiex applikabbli. Huwa veru illi Prof Muscat jagħmel referenza għall-fatt *"and should not be limited to trading matters"* (fol 358), u għalhekk is-soċjetajiet konvenuti għandhom ir-responsabbilitajiet tagħhom skont il-liġi. Iżda din il-Qorti ma tistax ma tagħrafx illi għalkemm l-atturi jelenkaw diversi lmenti u lanjanzi dawn huma mmirati kontra kumpaniji oħra ta' Mizzi Organisation li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju minn din il-Qorti. L-atturi jagħmlu referenza għal possibbli kunflitt ta' interess tad-direttur, Kenneth Mizzi iżda din il-Qorti tirribadixxi l-fatt li huwa mhuwiex konvenut f'din il-kawża.

Illi wara li kkunsidrat il-provi kollha u l-fatti tal-każ din il-Qorti ma tħossx illi hija f'qagħda li tilqa' t-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni ta' oppressjoni da parti tas-soċjetajiet konvenuti. Huwa veru li mill-kliem tal-Prof Muscat li t-terminu *"unfair prejudice"* għandu jingħata *"wide meaning"* imma fl-istess waqt dan ma jistax imur kontra d-dettami tal-liġi. Il-Qorti tħoss illi għalkemm il-prattika ta' rappreżentanza għandha r-rilevanza tagħha, tqis illi bis-snin ta' esperjenza ta' missier l-attur, Gordon Mizzi kieku vera xtaq li dan ikun dritt sacrosant ta' rappreżentanza ta' ibnu Gordon Mizzi kien jieħu ħsieb jagħmel skrittura f'dan is-sens u mhux jillimita ruħu għal *"B shares".* Corinne Apap Bologna, għalkemm jidher illi tilmenta li m'għandhiex kariga fi ħdan il-kumpanija hija ġiet offruta post fuq Kumitat tal-kumpanija bħal ħutha bniet l-oħra iżda għar-

raġunijiet tagħha għażlet li taċċettax. Issa dwar il-provi l-oħra esebiti dwar l-aġir allegatament oppressiv subit mill-atturi dan jitratta kumpaniji oħra ta' Mizzi Organisation – li bħala entitajiet b'personalitajiet ġuridiċi distinti din il-Qorti ma tħossx illi għandha l-jedd tiskrutinja l-aġir tagħhom. Għaldaqstant din il-Qorti ma tħossx li tista' tilqa' t-talbiet attriċi.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti relattivi kif spjegat, u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess atturi.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**